**NAXXAR**

**MINUTI - LAQGĦAT TAL-KUNSILL**

**IS-SEBA' KUNSILL**

**SEDUTA NRU. 24 - L-ERBGĦA 30 TA' LULJU 2014**

Il-Kunsill iltaqa' fl-uffiċċju amministrattiv tiegħu fiċ-Ċentru Ċiviku fi Vjal il-21 ta' Settembru fis-19:34pm.

Din kienet tkomplija tal-laqgħa numru 23 u infatti kompliet fuq l-istess aġenda oriġinali.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Maria F. Deguara, M.D. | Sindku |
| | Anne Marie Muscat Fenech Adami | Viċi Sindku |
| | Clifford Galea | Kunsillier (wasal fit-19:38) |
| | Clinton Sammut | Kunsillier |
| | Noel Gatt | Kunsillier |
| | Alexander Agius | Kunsillier |
| | Pauline Miceli | Kunsillier |
| | Pierre Sciberras | Kunsillier |
| | Maryanne Cuomo | Kunsillier |
| | Paul Gatt | Segretarju Eżekuttiv |

Pubbliku: Ma kienx hemm preżenza ta' pubbliku.

**1. APPROVAZZJONI TAL-MINUTI**

1.1. Minħabba li ma kienx hemm żmien biex ikunu ppreparati l-minuti tal-ewwel parti tal-laqgħa kien hemm qbil li l-minuti jitressqu f'laqgħa oħra.

**2. IL-WEBSITE TAL-KUNSILL**

2.1. Il-Kunsillier Sciberras spjega li għalkemm il-*website* preżenti tal-Kunsill hija tajba, hija diffiċli biex tkun aġġornata u għalhekk ma tistax tinżamm aġġornata jew bi stil modern. Huwa għalhekk sab programmi li huma bla ħlas li permezz tagħhom jista' joħloq *website* ġdida. L-unika spejjeż li jkun hemm huma biss għall-*hosting* kif ukoll, jekk biss ikun meħtieġ, biex ikun hemm funzjonijiet addizzjonali li m'humiex neċessarji għal website bażika. Jekk ikun il-każ il-ħlas xorta jkun minimu.

2.2. Huwa spjega li b'din is-sistema hemm żewġ miljuni u nofs websites jintużaw u qatt ma kien hemm problemi. Spjega wkoll li l-intenzjoni li tkun website tan-Naxxar u mhux strettament tal-Kunsill.

2.3. F'dan l-istadju, minħabba li hija intiża biex tippromwovi n-Naxxar speċjalment mal-barranin, l-ewwel li se tkun hija bl-Ingliż u eventwalment qed ikun esplorat traduzzjoni permezz tal-*google* għal kull lingwa oħra.

2.4. Il-Kunsill qabel ma' din is-sistema u li jieħu ħsiebha l-Kunsillier Sciberras.

## 3. IL-ĦIDMA TAL-KUNSILLIERI

3.1. Il-Kunsillier Galea skuża ruħu li ma pprovdiex il-lista bil-ħidma tiegħu fil-ħin. Huwa spjega li kellu problemi u pressjoni bix-xogħol li żammewh milli jaqdi dmiru ta' Kunsillier kif jixtieq iżda issa ssetilja u anki mar lura bħala għalliem biex qiegħed jerġa lura għan-normal. Huwa ddikjara li kommess li jiddedika l-ħin li jkun hemm bżonn fil-ħidma tal-Kunsill speċjalment fir-responsabbiltà tiegħu.

3.2. Il-Kunsillier Miceli semmiet li l-ispazju tal-librerija qiegħed ikun dejjem ristrett. Kien mistoqsji dwar il-possibiltà li ssir gallarija biex jitkabbar l-ispazju.

3.3. Il-Kunsillier Miceli infurmat ukoll li se tipprova tikseb aktar informazzjoni għas-sessjonijiet tal-qari tat-tfal biex ma jieqfux minħabba li dawk li qed jorganizza l-Kunsill huma suċċess.

## 4. EDITUR GĦALL-KUNTATT

4.1. Is-SE informa li Glen Calleja kien infurmah li tgħabba b'wisq xogħol li mhux qed iħallilu aktar ċans li jkun l-editur tal-Kuntatt.

4.2. Meta kien mistoqsi s-SE informa li huwa kellu diġà ammont ta' materjal lest u kien qiegħed jikkordina biex il-kuntatt ikun ippubblikat qabel il-Festa tal-Vitorja. Huwa informa wkoll li se jkun pjuttost ristrett minħabba li jrid jinkludi informazzjoni dwar l-attività ta' Ġieħ in-Naxxar li se ssir fit-22 ta' Awwissu.

4.3. Kien hemm qbil li bħala persuna li tkun Editur għandu jkun deċiż aktar 'il quddiem. Sadanittant però kien hemm qbil, fuq proposta tal-Kunsillier Galea, li jibda jieħu ħsieb il-Kuntatt il-Kunsillier Sciberras filwaqt li l-Kunsillier Galea jassistih.

## 5. PETIZZJONI BIEX TRIQ L-IMNARA SSIR F'DIREZZJONI WAĦDA

5.1. Is-SE informa li kienet waslet petizzjoni mir-residenti ta' Triq l-Imnara biex it-triq tagħhom tinbidel f'direzzjoni waħda u li ma jkunx hemm aċċess għaliha minn Triq San Pawl.

5.2. Il-Viċi Sindku infurmat li kienet ikkonsultat lill-komunità kummerċjali dwarha u kollha kienu kontra minħabba li se ttellef il-parkeġġ.

5.3. Il-Kunsill ma laqax din it-talba minħabba li ma ħassx li kien hemm bżonn li ssir u għaliex se ttellef lil dawk li jiġu biex jipparkjaw fiż-żona.

## 6. APPARAT LI GĦANDU JIĠI *WRITTEN OFF*

6.1. Il-Kunsill qabel li l-lista ta' apparat elenkata f'A għandhom jiġu meqjusa *written off* u jitneħħew mill-inventarju.

## 7. L-ATTIVITÀ TAL-GĦOTI TA' ĠIEĦ IN-NAXXAR

7.1. Is-SE ressaq xi mistoqsijiet li xtaq l-approvazzjoni tal-Kunsill għalihom. Wara diskussjoni l-Kunsill qabel kif ġej:

7.1.1. L-attività tkun miftuħa biss bl-invit kif kien sar f'attività simili fil-Palazz fil-passat.

7.1.2. Jitqassmu l-midalji lill-ex-Kunsillieri, Kunsillieri preżenti, membri tal-istaff u għaqdiet.

## 8. DWAL TAL-MILIED GĦAT-TOROQ

8.1. Is-SE informa li minħabba li l-*handymen* kellhom ħafna xogħol kien diffiċli ferm li jitlaħħaq xogħol ta' dawl tal-Milied kemm kien mixtieq. Huwa għalhekk staqsa għal persuna addizzjonali li ġieli assista lill-*handymen*.

8.2. Is-SE kien diġà indaga mas-Sur Joe Bartolo li aċċetta li jagħmel dan ix-xogħol għal €6 fis-siegħa. Però ma kienx jista' jgħid fiċ-ċert kemm se jiswew eventwalment.

8.3. Il-Kunsill qabel li s-SE jordna dan is-servizz u jevalwa l-ispiża meta jagħmel sett ta' madwar 10 disinni.

**9. TMIEM IL-LAQGĦA**

9.1. Kien hemm qbil li l-laqgħa li jmiss issir it-Tlieta 26 ta' Awwissu 2014.

9.2. Il-laqgħa intemmet fid-21:38.

**MARIA F. DEGUARA *MD,MMCFD***
**SINDKU**

**PAUL GATT DIP.MGMT (HENLEY), MIM**
**SEGRETARJU EŻEKUTTIV**